**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Robert Klingel OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 247, 27.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' April 2021 – Freistaat Bayern vs EUIPO (GEWÜRZSOMMELIER)**

**(Kawża T-348/20)** ([1])

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GEWÜRZSOMMELIER – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Neoloġiżmu”)***

(2021/C 242/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Freistaat Bayern (il-Ġermanja) (rappreżentant: V. Lehmann, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Marzu 2020 (Każ R 2430/2019-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali GEWÜRZSOMMELIER bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Freistaat Bayern hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 247, 27.7.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' April 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni (SAS, Id-Danimarka; Covid-19)**

**(Kawża T-378/20)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat – Suq Daniż tat-trasport bl-ajru – Għajnuna mogħtija mid-Danimarka lil kumpannija tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Garanzija – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Impenji li jikkundizzjonaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern – Għajnuna intiża li tirrimedja d-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Libertà ta' stabbiliment – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni”)***

(2021/C 242/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. C. Laprévote, S. Rating, I.-G. Metaxas-Maranghidis u V. Blanc, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Tomat, L. Flynn u S. Noë, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: J. Nymann-Lindegren u M. Søndahl Wolff, aġenti, assistiti minn R. Holdgaard, avukat), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. de Moustier u P. Dodeller, aġenti), SAS AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentant: F. Sjövall, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2416 finali tal-15 ta' April 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56795 (2020/N) – Id-Danimarka – Kumpens għad-dannu kkawżat lil SAS mill-pandemija tal-COVID-19.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ryanair DAC hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tat-talba għal trattament kunfidenzjali.

3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża u SAS AB għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(1) ĠU C 255, 3.8.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' April 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni (SAS, Suède; Covid-19)**

**(Kawża T-379/20)** (1)

***("Għajnuna mill-Istat – Suq Svediż tat-trasport bl-ajru – Għajnuna mogħtija mill-Isvezja favur kumpannija tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Garanzija – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Impenji li jikkundizzjonaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern – Għajnuna intiża li tirrimedja għad-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Libertà ta' stabbiliment – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2021/C 242/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Laprévote, S. Rating, I.-G. Metaxas-Maranghidis u V. Blanc, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Tomat, D. Zukowska, L. Flynn u S. Noë, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. de Moustier u P. Dodeller, aġenti), Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: C. Meyer-Seitz, A. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, H. Shev, H. Eklinder, R. Shahsavan Eriksson, O. Simonsson u J. Lundberg, aġenti), SAS AB (Stockholm, l-Isvezja) (rappreżentant: F. Sjövall, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2784 finali tal-24 ta' April 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57061 (2020/N) – L-Isvezja – Kumpens għad-dannu kkawżat lil SAS mill-pandemija tal-COVID-19.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ryanair DAC hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tat-talba għal trattament kunfidenzjali..